MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 131/2011

**GO plc – C 22334**

**vs**

**Salvatore Lo Monaco**
**ID-33148(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illil l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tlettax-il Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€513.24c) in konnessjoni ma' diversi servizzi (*AC40099436*). Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti mehmuza, u cioe' Dok A – prospett *AC40099436,* Dok B – Kuntratt datat 6 ta' Marzu, 2009, Dok C – estratt registru elettorali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u tlettax-il Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€513.24c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------